# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' April, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 181/02mm**

**Is-Socjeta' Civili KPMG u Joseph Schembri, Alfred Cremona, Raymond Azzopardi, Tonio Zarb, Pierre Portelli, Hilary Galea-Lauri, Noel Mizzi, u David Bamber**

**vs**

**Harbour Construction Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta’ l-atturi ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, seba’ mija u sebgha u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm4,767.25), dovuti ghal servizzi professjonali rezi fuq talba ta’ l-istess socjeta’ konvenuta, kif jidher mill-‘istatement’ anness bhala dokument ‘A’.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-24 ta’ April, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

Anthony Zammit

Deputat Registratur